# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar il-Hamis 22 ta' Frar 2018

**Rikors Numru: 750/2017 JPG**

**Kawza Numru: 13**

Wara l-mandat ta' sekwestru nru. 898/17, in atti tar-rikors gurament nru. 544/17 JPG, fl-ismijiet:

**Ultralux Furniture Limited**

**VS**

**Schembri Infrastructure Limited**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Schembri Infrastructure Limited datat 29 ta' Novembru 2017 (a Fol 66 tal-process) u li gie appuntat ghas-smiegh ghall-14 ta' Dicembru, 2017 u li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett :*

1. *Illi nhar l-20 ta' April, 2017 is-socjeta' Ultralux Furniture Limited ("ULF") kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta' esponenti fl-ammont ta' mija, hamsa u sebghin elf Euro (€175,000) u intavolat il-kawza relattiva;*

2. *Illi s-socjeta' esponenti debitement irrispondiet ghal dik il-kawza nhar id-19 ta' Mejju, 2017 u ressqet kontrotalba abbazi ta' (i) prezz ta' xogholijiet esegwiti mill-esponenti, u (ii) danni sofferti rizultat tal-mandat ta' sekwestru mahrug minn ULF kontra l-esponenti;*

3. *Illi in sostenn tal-imsemmija kontrotalba tal-esponenti, l-esponenti kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' ULF, u dan sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha emergenti mit-talba ghall-hlas ta' xogholijiet u ta' danni sofferti, kif ghandha dritt illi taghmel skond il-ligi;*

4. *Illi nhar l-20 ta' Lulju, 2017, din l-Onorabbli Qorti kienet irrevokat il-mandat ta' sekwestru mahrug fuq talba ta' ULF parzjalment, u mill-bqija irriducietu mis-somma ta' mija, hamsa u sebghin elf Euro (€175,000) ghal erbgha u sittin elf ewro (€64,000);*

5. *Illi l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti ghar-revoka parzjali u riduzzjoni sinifikanti fis-somma kawtelata permezz tal-mandat mahrug fuq talba ta' ULF, naturalment kellha impatt fuq id-danni li sofriet u ghadha qieghda ssofri l-esponenti rizultat tal-mandat mahrug kontriha minn ULF billi l-istess danni gew awtomatikament ridotti;*

6. *Illi kien ghalhekk li fit-13 ta' Awwissu, 2017, l-esponenti cediet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi hija kienet harget kontra ULF kompletament minghajr pregudizzju u sabiex tirregola ruhha ahjar, il-kontromandat relattiv kien gie immedjatament notifikat lis-sekwestratarji kollha;*

7. *Illi madanakollu fil-11 ta' Awwissu, 2017, ULF kienet lahqet intavolat rikors wara l-mandat ta' sekwestru mahrug fuq talba tal-esponenti u fl-atti tar-rikors guramentat, fejn l-imsemmija ULF talbet (i) ir-revoka tal-istess mandat mahrug mill-esponenti; u (ii) talba sabiex jigu imposti l-penali a tenur tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12;*

8. *Illi din l-Onorabbli Qorti iddekretat l-imsemmi rikors ta' ULF ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017, permezz ta' liema digriet din l-Onorabbli Qorti iddecidiet is-segwenti "Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba peress illi giet issorvolata fid-dawl*

*tal-kontro-mandat numru 1336/17, tilqa' in parte t-tieni talba tas-socjeta sekwestrata, u tordna lis-socjeta sekwestranta thallas lis-socjeta sekwestrata is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500), rapprezentanti penali imposti ai termini tal-Artikolu 836 (8) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta sekwestranta."*

9. *Illi jigi rilevat illi meta wiehed jaqra l-konsiderazzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti, jidher illi d-decide tad-digriet huwa milqut minn zball tal-pinna fejn jinghad illi l-penali qieghdin jigu imposti ai termini tal-Artikolu 836(8)(b). Filfatt jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti fl-istess digriet, illi meta din l-istess Qorti konsidrat it-talba ghall-imposizzjoni tal-penali abbazi ta' dan is-subinciz, hija konkludiet illi "Il-Qorti tqis pero illi f'dan il-kaz ma jkunx xieraq li jigu imposti penali ai termini ta' dan is-subinciz." (pagna 13 tas-sentenza). Filfatt mill-istess konsiderazzjonijiet jirrizulta illi din l-Onorabbli Qorti imponiet il-penali surreferiti abbazi tas-subinciz (d) tal-istess artikolu 836 (8) tal-Kap 12. Ghalhekk jirrizulta bic-car u m'ghandux ikun kontrovers il-fatt illi gew imposti l-penali a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) u ghaldaqstant ghandha ssir id-debita korrezzjoni fid-digriet f'dan ir-rigward.*

10. *Illi fi kwalsiasi kaz, l-esponenti hasset ruhha aggravata mid-decizjoni kontenuta f'dan l-imsemmi digriet ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017 u ghalhekk tixtieq tinterponi l-appell taghha mill-istess decizjoni abbazi ta' numru ta' ragunijiet, inkluz is-segwenti:*

11. *Illi fl-ewwel lok, il-penali a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 huma minn natura taghhom marbuta mal-mandat ta' sekwestru u ghalhekk sabiex tkun tista' tissusstixxi t-talba ghall-kundanna ta' penali a tenur tal-imsemmi artikolu 836(8), ghandu wkoll jissusstixxi l-mandat innifsu. Il-fatt illi meta gie dekretat ir-rikors ta' ULF, il-mandat ta' sekwestru relattiv ma kienx ghadu in vigore necessarjament ifisser illi lanqas ma setghu jinghataw il-penali abbazi tal-istess;*

12. *Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment tirrileva illi r-rekwisiti tal-Artikolu 836(8)(d) ma jirrizultawx fil-kaz odjern. L-esponenti tifhem illi fid-digriet surreferit, din l-Onorabbli Qorti qieghda tghid illi l-*

*esponenti talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru peress illi t-talba taghha ghall-ghotja ta' garanzija minn ULF ma gietx milqugha. L-esponenti bir-rispett tigbed l-attenzjoni, illi filfatt meta hija intavolat il-mandat, id-decizjoni fuq l-ghotja tal-garanzija lanqas ma kienet ghadha nghatat. Filwaqt li l-mandat kien gie intavolat nhar id-19 ta' Gunju, 2017 din l-imsemmija decizjoni eventwalment nghatat nhar l-20 ta' Lulju, 2017.*

13. *Illi dak li ghamlet l-esponent bil-mandat taghha kien merament illi tikkawtela l-pretensjoni taghha kif dedotta fil-kontrotalba li tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-esponenti ghandha pretensjoni li ghadha trid tigi determinata u kien ghalhekk illi fittxet li tikkawtela l-istess kif ghandha d-dritt illi taghmel. Il-fatt illi din l-Onorabbli Qorti ma hassitx illi ghandha timponi l-ghotja ta' garanzija fuq ULF, ma jnehhi xejn mill-fatt illi l-esponenti ghandha kull dritt illi tfittex li tuza l-mezzi provduti mill-ligi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha.*

14. *Illi l-esponenti umilment tirrileva illi filfatt il-gustifikazzjoni tal-mandat mahrug fuq talba taghha tirrizulta mill-istess mandat fejn gie spjegat il-kawzali u fejn sahansitra hemm referenza ghall-kontrotalba tal-esponenti (kopja ta' liema filfatt kienet ukoll giet annessa mal-istess).*

15. *Illi ghalhekk hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti illi filfatt il-mandat mahrug fuq talba taghha ma sarx b'malizzja u lanqas ma huwa frivolu jew vessatorju b'xi mod.*

16. *Illi ghaldaqstant hija l-umli fehma tal-esponenti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha (i) tirrikonsidra d-digriet taghha ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet premessi u tvarja l-istess digriet billi tichad it-talba tar-rikorrenti Ultralux Furniture Limited ghall-imposizzjoni tal-penali, u (ii) fin-nuqqas illi taghti l-fakolta' lill-esponenti illi tappella mill-imsemmi digriet f'dan l-istadju.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghda bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna l-korrezzjoni fid-decide tad-digriet ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet premessi, fis-sens illi l-artikolu tal-ligi indikat fl-istess decide bhala l-"Artikolu 836(8)(b)" ghandu jigi emendat sabiex jaqra "Artikolu 836(8)(d)", u dan sabiex jirrifletti l-konsiderazzjonijiet maghmula minn din l-Onorabbli Qorti, u kontenuti f'dak l-istess digriet;*

2. *Tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha u tikkonsidra illi tvarja d-digriet surreferit tat-23 ta' Novembru, 2017 billi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni taghha in kwantu astejniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, tichad ukoll it-tieni talba rigwardanti l-penali;*

3. *Fin-nuqqas illi tirrikonsidra d-digriet taghha kif mitlub fit-tieni talba, tawtorizza lill-esponenti sabiex tinterponi l-appell rispettiv taghha mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017. "*

Rat illi r-rikors u d-digriet gew debitament notifikati lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Ultralux Furniture Limited datata 11 ta' Dicembru, 2017 ( Fol 70 tal-process) li taqra hekk:

*Ir-rikors tas-soċjetà Schembri Infrastructure Limited għandu jiġu miċħud u dawn għas-segwenti raġunijiet:*

***Preliminari***

1. *Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu rikonsiderazzjoni mid-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi tutilizza l-fakultà mogħtija lilha mill-artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12, u tordna lill-eżekutant (hawnhekk rikorrenti) iħallas lill-eżekutat (hawnhekk intimata) il-penali. Hija l-fehma tal-esponenti li talba għal rikonsiderazzjoni bħal din ma tistax ssir.*

2. *Hawnhekk, is-soċjetà tibda biex tiċċara punt dwar dak li jingħad fis-6 paragrafu tar-rikors. Schembri Infrastructure Limited tgħid illi l-mandat illi hija kienet preżentat fil-konfront ta' Ultralux Furniture Limited hija ċedietu fit-13 t'Awwissu 2017. Dan ma huwiex korrett. Il-mandat ġie ċedut fit-13 ta' Settembru 2017, u mhux f'Awwissu (Dok. "A"). Qiegħed jingħad hekk għaliex f'paragrafu 7 tar-rikors, is-soċjetà rikorrenti tgħid illi meta hija preżentat il-kontromandat (skont hi, fit-13 t'Awwisus 2017), donnu b'kumbinazzjoni, "fil-11 t'Awwissu 2017 ULF kienet laħqet intavolat rikors". Dan ma huwiex il-każ, għaliex il-mandat Schembri Infrastructure Limited ma neħħietux qabel it-13 ta' Settembru 2017, u neħħietu biss malli hija rċeviet ir-rikors revoka ippreżentat minn Ultralux Furniture Limited. Ma hijiex minnha l-impressjoni li tipprova tingħata li donnu b'kumbinazzjoni, it-tneħħija tal-mandat saret f'data fejn Schembri Infrastructure Limited kienet għadha ma tafx bir-rikors revoka min-naħa tal-esponenti.*

3. *Id-dati huma essenzjali. Fil-11 t'Awwissu 2017, is-soċjetà esponenti (Ultralux Furniture Limited) intavolat rikors għar-revoka tal-mandat u l-penali. Fis-7 ta' Settembru 2017 dan ġie notifikat lis-soċjetà Schembri Infrastructure Limited. It-8 ta' Settembru 2017 kienet btala pubblika, u d-9 u l-10 ta' Settembru 2017 kienu s-Sibt u l-Ħadd. Tliet ijiem tax-xogħol wara li ġiet notifikata bir-rikors għar-revoka tal-mandat (fit-13 ta' Settembru 2017), Schembri Infrastructure Limited marret tiġri biex titlob it-tneħħija tiegħu. Id-domanda li ssegwi hija awtomatika: X'ġiegħel lis-soċjetà Schembri Infrastructured Limited tneħħi l-mandat minnha preżentat? Kienet il-buona volontà tagħha, jew inkella l-fatt illi kienet qegħda tiġi rinfaċċjata b'rikors taħt l-artikolu 836 (1) li kien jinkludi wkoll talba għall-penali?*

4. *Lil'hinn minn dan, dwar il-punt in eżami, jingħad qabel xejn però, illi wieħed jeħtieġ jidentifika x'tip ta' digriet tat din l-Onorabbli Qorti, biex wieħed jifhem jekk dan jistax effettivament jiġi impunjat, u jekk iva, b'liema mod jista' jiġi impunjat.*

5. *It-tweġiba tas-soċjetà esponenti hawnhekk hija msejsa fuq tliet binarji ċari: (A) id-deċiżjoni tal-Qorti illi timponi l-penali kienet waħda li ma tistax tiġi kontestata;*

*(B) anke kieku kienet, il-kontestazzjoni ma tistax ssir bil-mezz ta' talba għal rikonsiderazzjoni; u (Ċ) fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni tal-Qorti kienet waħda tajba, ġusta u skont il-liġi.*

### A. Id-Deċiżjoni tal-Qorti ma hijiex waħda li tista' tiġi kontestata jew appellata

6. *Min iħoss li mandat kawtelatorju preżentat kontrih jistħoqqlu jitneħħa, jista' jitlob ir-revoka tiegħu (a. 836 (1)). Il-liġi mbagħad tagħti il-fakultà lill-Qorti illi mhux biss tneħħi l-mandat, iżda wkoll li tikkundanna lill-parti li ħarġitu tħallas penali (a. 836 (8)). Minn qari akkurat tas-subartikolu (8), jirriżulta illi l-kundanna tal-penali ssir fid-deċiżjoni li tinbeda b'rikors li fih jintalab ir-revoka. Kull ma jgħid is-subartikolu (8) huwa illi bi tkomplija tal-artikolu preċedenti, il-Qorti <u>tista' wkoll</u> timponi penali. Il-penali infatti jiġu imposti bis-saħħa tar-rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), u mhux bis-saħħa ta' xi att differenti.*

7. *Dan tant hu minnu, illi fil-liġi, il-kundanna tal-penali hija trattata b'mod differenti mill-kundanna tad-danni. Filfatt, l-artikolu 836 (8) jgħid testwalment illi: "Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta'..." Differenti jgħid imbagħad l-artikolu 836 (9) (li jitkellem dwar id-danni), li jgħid li "il-qorti tista', <u>meta jsirilha rikors</u> mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna..." Filwaqt li għad-danni hemm bżonn rikors separat (hemm numru ta' sentenzi li jgħidu dan[1]), għall-penali, it-talba għar-revoka (836 (1)) hija biżżejjed. Jiġifieri, il-penali jingħataw b'talba magħmula taħt l-artikolu 836 (1), u mhux b'xi talba addizzjonali. Taqbel is-soċjetà esponenti mas-soċjetà rikorrenti illi t-talba għall-penali hija intrinsikament marbuta ma' rikors taħt l-artikolu 836 (1). Dan ma jfissirx iżda illi jekk il-mandat jitneħħa <u>wara</u> li tintalab ir-revoka, ma jkunx hemm*

[1] Ara per eżempju, ***Howard Stelney Kreiss vs Patrick Zrinzo***, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 3 t'Awwissu 2009, 458/2009JRM.

*lok għal penali. Fl-agħar ipoteżi, ifisser biss illi l-kundanna tal-penali tista' ssir biss permezz tar-rikors intiż għar-revoka, u mhux b'xi rikors ieħor apparti.*

8. *Dan stabbilit, japplika fil-konfront tal-penali dak li jgħid l-artikolu 836 (5), u ċioè illi: "Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' r-rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun wieħed finali u irrevokabbli." Il-fatt li is-subartikolu (8) ma jissemmiex speċifikament ma jbiddel xejn minn dan, għaliex is-subartikolu (8) huwa sempliċiment konsegwenza fakultattiva tal-Qorti rinfaċċjata b'rikors taħt is-subartikolu (1). Ifisser allura illi l-finalità tapplika wkoll vis-à-vis l-imposizzjoni tal-penali. Donnha s-soċjetà rikorrenti qegħda taqbel ma' dan, għaliex tabraċċja hija stess fir-rikors tagħha ir-rikors għar-revoka taħt is-subartikolu (1) u l-imposizzjoni tal-penali fis-subartikolu (8); jiġifieri bl-argument tas-soċjetà rikorrenti stess, ifisser illi kontestazzjoni mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti fit-23 ta' Novembru 2017 ma hemmx, u dan bit-tħaddim tas-subartikolu (5). Dan il-każ imbagħad huwa kemmxejn partikolari, għaliex il-Qorti ma setgħetx tordna ir-revoka tal-mandat biss għaliex wara li ġie preżentat ir-rikors għal revoka, Schembri Insfrustructure Limited neħħietu hi, u sfat limitata li tordna biss l-imposizzjoni tal-penali. Biss però ir-rikors taħt l-artikolu 836 (1) sar, u mhux ħtija tas-soċjetà esponenti illi malli s-soċjetà rikorrenti ġiet notifikata bih, neħħiet il-mandat.*

9. *Dan magħdud (u stante partikolarment il-fatt illi hija donnha s-soċjetà rikorrenti stess illi qegħda tikkunsidra s-subartikolu (8) bħala estensjoni tas-subartikolu (1)) ma jifdalx dubju illi abbażi tal-artikolu 836 (5), it-talba għar-rikonsiderazzjoni ma setgħetx issir.*[2]

### *B. Fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba għar-rikonsiderazzjoni hija xorta waħda improponibbli*

[2] Ara per eżempju, ***Mary Doris Veneziani et vs Emanuel Farrugia et***, Qorti tal-Appell, 14 ta' Jannar 2004, 643/2002/1PS. F'dan id-digriet, il-Qorti ikkonfermat l-applikabilità ta' dan l-artikolu.

10. *Min-naħa l-oħra - u dan qiegħed jingħad b'mod sussidjarju għal dak li ingħad diġà - anke kieku kellha din l-Onorabbli Qorti tqis illi dritt ta' kontestazzjoni jeżisti u li l-artikolu 836 (5) f'dan il-każ ma japplikax, jingħad illi id-deċiżjoni tal-Qorti tat-23 ta' Novembru 2017 ma setgħetx tiġi impunjata b'rikors ta' din ix-xorta.*

11. *Wieħed għalhekk jeħtieġ jidentifika l-kwalità u n-natura tad-digriet kontestat, biex jara kif wieħed jista' jikkontestah (dejjem jekk ikun jista'). Ta' għajnuna hija d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ta'* **Paul Tanti pro et noe et vs Samy Mifsud et**, *mogħtija fid-19 ta' Novembru 2001 (2259/2000APP). Il-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell hemmhekk sejrin jiġu riportati fis-sħiħ, stante illi japplikaw perfettament għaċ-ċirkostanzi odjerni. F'din id-deċiżjoni, il-Qorti eżaminat il-kwalitajiet differenti tad-digrieti, u kwotat estensivament mill-ġurisprudenza, bil-għan li ssib kif dawn id-digriet differenti jistgħu jiġu impunjati. Huwa minnu illi l-Qorti tal-Appell kienet qegħda prettament titkellem dwar id-deċiżjoni għaċ-ċaħda tal-kontromandat u mhux eżattament dwar l-imposizzjoni tal-penali. Iżda, l-kunsiderazzjonijiet dwar in-natura tad-digrieti tapplika xorta waħda. F'din id-deċiżjoni, il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi f'digrieti dwar mandati, la hemmx lok għal rikonsiderazzjoni, u lanqas hemm lok għal appell; hemm biss possibilità ta' kontestazzjoni b'ċitazzjoni (illum rikors ġuramentat). Inqtal illi:*

*Fis-sentenza "***Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine***" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Gunju, 1988 f'kawza li l-mertu taghha kien jirrigwarda mandat ta' inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat:- "Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta'* **Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi** *deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi <u>hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell,ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-</u>*

*Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell.*

12. *Wieħed jeħtieġ jara taħt liema kategorija taqa' d-deċiżjoni dwar l-imposizzjoni tal-penali, li dwar qegħdin* nitkellmu *llum:*

*"Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digrieti dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dak ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru, ma setghux jitqiesu definitivi "ghax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Gudikant, lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba b'citazzjoni ta' l-interessat meta fil-gudizzju diskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta' appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta' vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni ohra tajba skond il-ligi." (Vol.XXXVII.i.519, Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24)*

*Id-digriet taht ezami li minnu sar appell certament ma setax jitqies li kien digriet kamerali intiz biex ihares ir-regoli procedurali jew biex ahjar jirregola l-andament tal-proceduri. Lanqas jista' jitqies li kien digriet interlokutorju ghax dawn huma definiti bhala "i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa nella procedura, che soglionio chiamarsi "preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamarsi "ordinatorie". (Vol. XXIII.i.623).*

*"Barra minn dawn id-digrieti (kamerali, interlokutorji u digrieti jew ahjar sentenzi definittivi), jezistu (kif inghad) digrieti ohrajn li la huma interlokutorji u lanqas definitivi u li l-legislatur ma pprovda xejn dwar kif ghandhom jigu impunjati.*

13. *Għandu jkun paċifiku illi d-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti li fiha imponiet il-penali ma hijiex digriet interlokutorju. Id-digriet interlokutorju ġie mifhum bħala wieħed li "non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam".*[3] *Semai, id-deċiżjoni dwar il-penali għandha aktar sembjanzi ta' definittività milli ta' digriet interlokutorju.*

14. *Id-deċiżjoni tal-Qorti allura kienet: (i) bi ftit ta' interpretazzjoni wiesa', jew deċiżjoni definittiva (għaliex wieħed forsi jargumenta illi din kienet deċiżjoni illi qatgħet definittivament il-kwistjoni tal-penali*[4]*.) li fuq l-iskorta tas-sentenza, anke ta' dik kwotata hawn fuq, tkun irid tiġi kontestata b'appell; (ii) inkella, it-tielet tip ta' digriet, dak li skont il-Qorti għandu jiġi impunjat (dejjem jekk jista' jiġi impunjat) biss bl-intavolar ta' rikors ġuramentat. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fuq kwotata dwar din "it-tielet kategorija" ta' digrieti kien hekk:*

*Pero', skond il-prattika inveterata tat-Tribunali taghna, l-impunjazzjoni ta' dawn it-tipi ta' digrieti ssir permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess Qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawza tigi deciza, is-sentenza tkun tista' tigi appellata b'appell ordinarju quddiem il-Qorti ta' l-Appell." ("Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Ottubru, 1991)*

*Din il-Qorti ma ghandha allura l-ebda dubbju illi sakemm gew fis-sehh le-mendi estensivi ta' Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995, il-posizzjoni fir-rigward ta' appelli mix-xorta ta'*

[3] ***Tabib Joseph Grech vs Mary Grech***, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 20 t'April 1989, Vol. 73 (1989), Parti nru. 3, p. 785

[4] Ara ***Josef Gatt vs Marisa Gatt,*** Qorti tal-Appell, 8 ta' Mejju 2003, 1224/2002/1APP

*digrieti taht ezami, setghet kienet u fil-fatt kienet biss permezz ta' procedura ordinarja ta' l-att tac-citazzjoni mill-kontradittorju tal-kontro-parti u minn sentenza fuq dik it-talba seta' jsir appell quddiem din il-Qorti.*

*Din il-Qorti trid issa tara jekk is-sitwazzjoni inbidlitx wara li gew fis-sehh l-emendi estensivi li saru ghall-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995. Id-disposizzjonijiet li jidhru rilevanti ghall-kaz huma l-artikolu 229 li jittratta dwar appelli minn digrieti u l-artikolu 836 li jitratta ghall-kontro-mandat wara li jkun inhareg att kawtelatorju.*

*Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setghax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-disposizzjoni pero' taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' listess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4),(5) u (6) huma lkoll marbutin mad-disposizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).*

*Stabbilit illi l-artikolu 229 ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi seta' kien applikabbli biss l-artikolu 836. Konkluzjoni din imsahha in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta' jigi kontestat digriet fir-rigward tal-hrug ta' kontro-mandat ta' att kawtelatorju. Dan l-artikolu, il-legislatur kien introducieh inter alia bhala kawtela dovuta kontra l-hrug ta' mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f'cirkostanzi meta seta' jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x'jaghmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-diposizzjoni allura tipprovdi ghal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura tohrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug talkontro-mandat kellha tibqa' fis-sehh, ma setghetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fissubartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli ……..". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas kien permess ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta' l-inciz 836.*

*Id-dicitura ta' dan is-subinciz jissugerixxi kif gia inghad pero' a contrario sensu illi setghu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat u li allura ikun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. Il-legislatur pero' illi dahal f'dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa' talba ghar-revoka in toto jew in parte ta' mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta' kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-hrug ta' l-opportun kontro-mandat, naqas illi jipprovdi ghall-mod kif seta' jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors tad-debitur ghall-hrug ta' kontro-mandat.*

*<u>Una volta l-legislatur ghazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta' revizjoni generali tal-ligi procedurali maghmula bl-Att XXIV ta' l-1995, ma kienx lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti taghha in materja li ddefiniet in-natura ta' digriet li jawtorizza l-hrug ta' mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll ghal digriet tal-hrug ta' kontro-mandat ta' l-istess att kawtelatorju.</u> Ma kienx hemm raguni ghaliex l-insenjament ta' dawn il-Qrati f'dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li ghadu fis-sehh billi l-ebda disposizzjoni ta' ligi li giet introdotta ma pprovdiet ghal din l-eventwalita'. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa' kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta' digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta' att tac-citazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata s-sentenza in prima istanza. F'dan ir-rigward tassumi wkoll rilevanza l-kelma "kontestazzjoni" uzata mil-legislatur fissubinciz (5) ta' l-artikolu 836.*

15. *Li joħroġ b'mod ċar f'dan hawn fuq kwotat huwa illi talba għal "rikonsiderazzjoni" żgur li ma setgħetx issir; tant li lanqas biss ġiet ikkunsidrata mill-Qorti bħala waħda mill-possibilitajiet. Ma hemmx dubju (anke għar-raġunijiet fuq spjegati) illi d-deċiżjoni dwar il-kundanna tal-penali mhijiex digriet interlokutorju. Min-naħa l-oħra, jekk id-deċiżjoni dwar il-penali titqies bħala waħda "definittiva", allura kellu jsir appell u mhux talba għal rikonsiderazzjoni. Jekk min-naħa l-oħra, din id-deċiżjoni kellha titqies bħala waħda "tat-tielet kategorija", allura kellhom jinbdew proċeduri b'rikors ġuramentat u mhux issir talba għal rikonsiderazzjoni. Qatt u fl-ebda ċirkostanza allura ma setgħet issir talba għal rikonsiderazzjoni.*

16. *Finalment, kif qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2002, fl-ismijiet ta'* **Linknet Ltd et vs Terranet Ltd** *(213/2000/1AJM): "<u>Ir-regola li digriet ma jaghmilx gudikat ghal Qorti li taghtih tapplika biss ghad-digrieti</u>*

*interlokutorji u mhux ghal digrieti ohra bhal per ezempju dawk id-digrieti li jakkordaw il-hrug ta' mandat ezekuttiv. Ghalhekk ma jistghax isir appell minn tali digriet u ma jistghax isir rikors ghar-rikonsiderazzjoni ta` tali digriet."*

17. *Ġaladarba dan ma huwiex digriet "li ma jagħmilx ġudikat", talba għal rikonsiderazzjoni ma tistax ssir, u jista' jsir biss appell u/jew rikors ġuramentat, naturalment skont in-natura tad-digriet.*

18. *B'daqstant, ir-rikors kif inhu għandu jitqies bħala wieħed improponibbli, u b'hekk miċħud fis-sħiħ.*

### ***Ċ. Fi Kwalunkwe Każ, Id-Deċiżjoni tal-Qorti Kienet Waħda Tajba u Korretta Ferm***

19. *Naturalment, dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin huma sussidjarji għal dawk li diġà saru.*

20. *L-esponenti ma tħossx li għandha għalfejn ittenni l-argumenti li hija diġà għamlet fir-rikors tagħha għar-revoka tal-mandat, u b'hekk qegħda tagħmel riferenza ampja għalihom. Jibbasta għaliha li tisħaq l-mandat maħruġ minn Schembri Infrastructure Limited kontra tagħha inħareġ purament u unikament bi skopijiet ta' ritorsjoni; dan biss għaliex il-kumpannija esponenti kienet fittxet illi tikkawtela d-drittijiet tagħha skont il-liġi fil-konfront tagħha, wara li din tal-aħħar, bl-aġir tagħha, ikkawżat lis-soċjetà esponenti ammont kbir ta' danni. Tisħaq is-soċjetà esponenti illi jekk kien hemm sitwazzjoni waħda quddiem il-qrati tagħna li kien jistħoqqilha l-imposizzjoni tal-penali, kienet proprju din!*

21. *Tant illi s-soċjetà Schembri Infrastructure Limited kienet taf li l-mandat tagħha kien abusiv, illi prattikament ftit jiem wara illi hija rċeviet ir-rikors bit-talba għar-revoka tal-mandat (kif intqal aktar 'il fuq) u intebħet li l-logħba minnha milgħuba*

*kienet ġiet mikxufa, marret tiġri tneħħi l-mandat bit-tama li tevadi l-kundanna tal-penali. Jirriżulta filfatt li Schembri Infrastructures Limited irċeviet ir-rikors revoka fis-7 ta' Settembru 2017, u neħħiet il-mandat fit-13 ta' Settembru 2017 – tlett ijiem tax-xogħol wara - dan wara li l-mandat kien ilu fis-seħħ għal numru ta' ġimgħat.*

22. *Is-soċjetà rikorrenti tippretendi illi għaliex hija neħħiet il-mandat wara li ġie intavolat ir-rikors għar-revoka, kull penali li kien jistħoqqilha tħallas kellu jiġi maħfur. B'kull rispett, dan l-argument ma huwiex tenibbli għaliex joqtol għal kollox l-iskop punittiv u ta' deterrent illi jħaddan is-subartikolu (8). Taqbel is-soċjetà esponenti mal-argument tas-soċjetà rikorrenti illi t-talba għall-penali hija intrinsikament marbuta ma' rikors taħt l-artikolu 836 (1). Dan ma jfissirx iżda illi jekk il-mandat jitneħħa wara li tintalab ir-revoka, ma jkunx hemm lok għal penali. Fl-aħħar ipoteżi, jfisser biss illi l-kundanna tal-penali tista' ssir biss permezz tar-rikors intiż għar-revoka, u mhux b'xi rikors ieħor addizzjonali.*

23. *Finalment, jekk wieħed jaqra l-artikolu 836 (8), jintebah illi mkien ma hemm ir-rekwiżit li l-mandat ikun għadu fis-seħħ biex ikun hemm kundanna tal-penali. L-unika kwalifika li jitlob dan l-artikolu huwa li "Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta'..." F'dan il-każ, mhuwiex kontestat li hemm "rikorrent" li "inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu", u għalhekk, ir-rekwiżit jirriżulta sodisfatt. Imbagħad ikun ta' għajb kieku l-liġi tiġi interpretata b'xi mod biex tiġi tfisser li għax il-mandat jitneħħa wara l-intavolar tar-rikors ġuramentat, qisu qatt ma ġara xejn. Terġa s-soċjetà esponenti tħoss li l-imposizzjoni tal-penali tista' ssir anke jekk, min ikun talab il-mandat, ikun neħħieh bil-buona volontà tiegħu u bla ebda talba għal revoka. Kieku l-penali jiġu evitabbli bis-sempliċi tneħħija tal-mandat (per eżempju wara xhur illi mandat frivolu u malizzjuż ikun ilu fis-seħħ għalxejn), kieku kulħadd jibda jippreżenta mandati kif iħoss, u meta jidhirlu li għamel ħsara biżżejjed ineħħieh.*

24. *Jingħad umilment illi donnha s-soċjetà rikorrenti tippretendi li għaliex hija neħħiet il-mandat (wara li ġiet notifikata bir-rikors għar-revoka), kollox jiġi qisu ma ġara xejn u l-ħsara li sofriet is-soċjetà esponenti ħtija tal-aġir in mala fede tas-soċjetà rikorrenti ttir mar-riħ bħallikieku qatt ma seħħet. <u>Kieku kellu xi ħadd jinterpreta l-liġi b'dan il-mod, ikun qiegħed jagħti liċenza libera għall-intavolar ta' mandati fiergħa u malizzjużi.</u>*

25. *Sewwa għamlet din l-Onorabbli Qorti f'dan il-każ, meta għarfet in-natura tal-aġir ta' Schembri Infrastructure Limited u imponiet il-penali, anke jekk f'ammont viċin il-minimu li tħalli l-liġi. Sewwa għamlet il-Qorti meta serviet ta' tarka għal għal min sofra l-aġir in mala fede ta' min kellu biss skopijiet ta' tpattija, u xejn aktar. Sewwa għamlet il-Qorti li qieset aġir bħal dan bħala wieħed għal kollox inaċċettabbli u li jisthoqqlu jiġi punit.*

26. *Dwar imbagħad jekk kienx hemm lok biex joħroġ il-mandat mill-bidu nett, l-esponenti tistrieħ fuq is-sottomissjonijiet magħmula minnha fir-rikors għar-revoka ippreżentat fil-11 t'Awwissu 2017.*

*Għaldaqstant, it-talbiet ta' Schembri Infrastructure Limited għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrihom.*

Rat id-digriet finali taghha tat-23 ta' Novembru, 2017.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni fuq ir-rikors tad-29 ta' Novembru, 2017.

**Ikkonsidrat:**

Dan huwa digriet wara talba maghmula minn Schembri Infrastructures Limited sabiex din il-Qorti:

1. Tordna korrezzjoni fid-decide tad-digriet sabiex l-Artikolu tal-ligi jaqra Artikolu 836(8)(d) u mhux Artikolu 836(8)(b);
2. Tirrikonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha u tvarja d-digriet tat-23 ta' Novembru 2017 billi tichad it-tieni talba rigwardani l-penali;
3. Fin-nuqqas illi tirrikonsidra d-digriet taghha, tawtorizza lis-socjeta ntimata sabiex tinterponi appell mid-digriet tat-23 ta' Novembru 2017.

Minn naha taghha, s-socjeta Ultralux Furniture Ltd qed toggezzjoni ghat-tieni u t-tielet talba tas-socjeta ntimata, ghaliex fil-fehma taghha d-digriet tat-23 ta' Novembru 2017 m'huwiex wiehed li jista' jigi kontestat jew appellat, ghaliex it-talba ghar-rikonsiderazzjoni hija mproponibbli u ghaliex fi kwalunkwe kaz, id-decizjoni tal-Qorti kienet wahda tajba u korretta.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tqis illi l-ewwel nett ghandha tikkonsidra l-argument tas-Socjeta Ultralux u cioe' jekk appell jew kontestazzjoni mid-digriet in kwistjoni huwiex proponibbli o meno u dana qabel ma l-Qorti tezamina l-konsiderazzjonijiet ulterjuri sollevati minn Schembri Infrastructures Limited.

L-istess socjeta tikkontendi illi fir-rigward tal-imposizzjoni ta' penali, japplika l-Artikolu 836 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma jista' jsir l-ebda appell jew kontestazzjoni minn tali digriet.

L-artikolu 836 (5) tal-Kap 12 jipprovdi illi:

> **"Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta'qabel, li**

> **jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."**

Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) li ghalih jaghmel referenza l-Artikolu 836 (5) huwa r-rikors permezz ta' liema l-parti sekwestrata

***"…[t]itlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu…"***

Is-socjeta Ultralux targumenta illi t-talba ghall-imposizzjoni ta' penali necessarjament trid issir permezz tar-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) u huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 836(5) japplika fil-konfront tat-talba ghal penali.

Fil-kaz in ezami, it-talba ghall-kundanna ghal hlas tal-penali giet maghmula proprju f'rikors intavolat ai termini tal-Artikolu 836(1) u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, id-digriet tat-23 ta' Novembru 2017, fejn Schembri Infrastructures Limited giet ikkundannata thallas penali, inghata ai termini tal-Artikolu 836(1), u ghalhekk fir-rigward tad-dritt ta' appell jew kontestazzjoni minn dan id-digriet huwa applikabbli l-Artikolu 836 (5) tal-Kap 12. Dan huwa car mis-sentenza fl-ismijiet **Josef Gatt vs Marisa Gatt,** deciza **mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2003, fejn proprju fuq il-kwistjoni tal-kundanna tal-penali mitluba flimkien mar-revoka ta' mandat kawtelatorju intqal illi:**

> "***It-talba ghall-penali ghandha titqies bhala semplicement talba accessorja ghal dik principali, u cioe` ghar-revoka tal-att kawtelatorju***."

Ghalhekk il-Qorti tqis illi s-socjeta Ultralux Furniture Limitedi ghandha ragun meta tikkontendi illi t-tieni u t-talba tas-socjeta Schembri Infrastructures Limited ma jistghux jigi milqugha peress illi l-ligi ma taghtix dritt illi jkun hemm appell jew kontestazzjoni kontra digriet moghti ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-ewwel talba tas-socjeta Schembri Infrastructures Limited il-Qorti tirrileva illi jidher illi huwa minnu dak li ppremettiet l-istess socjeta , u cioe li jirrizulta li bi zball ta' pinna, l-artikolu citat fid-decide minn din il-Qorti kien l-Artikolu 836(b), meta fil-verita dan kellu jkun l-Artikolu 836 (d) kif jidher car mill-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fid-digriet taghha. Ghalhekk din l-ewwel talba tas-socjeta Schembri Infrastructures Limited qed tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta Schembri Infrastructures Limited u tordna li ssir korrezzjoni fid-decide tad-digriet tat-23 ta' Novembru 2017 biex l-Artikolu citat jaqra Artikolu 836 (d) Kap 12 biex jirrifletti dak li jinghad car fis-sentenza u tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta Schembri Infrastructures Limited

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta Schembri Infrastructures Limited.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**